MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 158/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Spiteri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta’ att ta’ citazzjoni kontra Dott. Patrick Spiteri, bin Joseph u Maria nee Borg, imwieled fis-26 ta’ Dicembru 1964, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 43465M, talli fl-20 ta’ Mejju 2007 ghall-habta tas-7 ta’ filghodu, fil-fond “San Anton”, il-Wardija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar (**1**) insulenta, aggredixxa u hedded lil martu Silvana Spiteri, (**2**) barra minn hekk fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmija martu Silvana Spiteri u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifikat Dott. Pamela Seychell M.D. mill-Mosta Health Centre, u aktar (**3**) talli nhar is-6 ta’ Mejju 2007 ghall-habta tal-10.53 a.m. ghamel uzu hazin minn apparat tal-komunikazzjoni

*mobile phone* billi uza l-imsemmi apparat sabiex jinsulta lil martu Silvana Spiteri;

Rat il-verbal registrat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Mejju 2008, mnejn jirrizulta li l-prosekuzzjoni rtirat it-tielet imputazzjoni hawn fuq riprodotta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-14 ta' Mejju 2008 li permezz taghha dik il-qorti, flwaqt li astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, sabet lill-imsemmi Dott. Patrick Spiteri hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor fi zmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza fit-termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446;

Rat it-talba maghmula mill-imsemmi Patrick Spiteri fl-14 ta' Mejju 2008 ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza, liema talba giet akkordata f'dik l-istess gurnata;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2008; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta sabitu hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet peress li dawn "ma jinsabux ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi". Skond l-appellant hemm hafna kuntradizzjonijiet fil-verzjoni moghtija minn martu. Skond hu, il-verzjoni moghtija minn martu ta' dak li gara kmieni filghodu fl-20 ta' Mejju 2007 hija invenzjoni mill-bidu sal-ahhar, filwaqt li hu kien dejjem konsistenti u, ghal dak li jirrigwarda dak li sehh il-lejl ta' qabel, kien anke korroborat mill-habiba tieghu Lorna Maltby.

Din il-Qorti – li kellha l-opportunita` li terga' tisma' t-tliet xhieda principali f'dan il-kaz, cioe` lil Silvana Spiteri, lill-appellant u lil Lorna Maltby, u anke ordnat konfronti bejn id-diversi xhieda biex tkun tista' tapprezza l-komportament taghhom meta rinfaccjati b'verzjonijiet kontrastanti – tiddikjara bla talqliq li ma tara assolutament ebda raguni

ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti. Huwa minnu li ghal dak li gara kmieni fil-ghodu tal-20 ta' Mejju 2007, l-unici zewg xhieda huma Silvana Spiteri u l-appellant. Dak li, pero`, l-appellant qieghed, forsi konvenjentement, jinsa hu li c-certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabiba Pamela Seychell jikkorrobora perfettament il-verzjoni moghtija mill-imsemmija Silvana Spiteri. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma tarax kif il-griehi, ankorke` ta' natura hafifa, li sofriet Silvana Spiteri setghu gew kagunati mill-klieb li l-konjugi Spiteri ghandhom (jew ghall-anqas, dak iz-zmien, kellhom) fir-residenza taghhom, kif l-appellant jidher li pprova jaghti x'jifhem lill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' xahar ghall-finijiet tal-*conditional discharge* jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------